MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 337/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**ADIL SHLASH**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Adil Shlash** ta’ 47 sena bin Akill u Amina nee’ Al Awad imwieled is-Sirja fit-18 ta’ Jannar 1965 u joqghod 417 ‘Fgura Arcades’ flt.3 Triq Haz-Zabbar Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru **455995(M)** gie akkuzat :

1. talli f'Jannar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, ai termini tal-artikoli **18, 308, 309 u 310** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghall-awtorita pubblika u cioe id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz, ai termini tal-artikolu **188** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bl-iskop li takkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali kemm ghalik innifsek jew ghal xi hadd iehor xjentement jew bi traskuragni ghamilt dikjarazzjoni falza jew urejt haga b'ohra; jew bi frodi inqast milli tirraporta lid-Direttur, qabel ma rcievejt xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li kellha jew setgha kellha konsegwenza materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif inghata dak il-pagament, ai termini tal-artikolu **117** tal-Att Dwar is-Sigurta Socjali Kap 318 tal-Ligiiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligiiet ta'Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-20 ta` Lulju 2012 (*a folio* 38) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja, li jinsab *a folio* 237;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess 7 ta' Ottubru 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni ;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-provi l-ohra li tressqu, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tiddikjarah hati taghhom u ghas-sentenza relattiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali kwazi nettissima tal-hati li tinsab *a folio* 4;
b. il-fatt li l-hati qieghed progressivament jirrifondi l-flus lura (ara *folio* 237 - verbal tas-seduta ta` llum stess 07.10.2014);
c. l-ammissjoni ta` l-imputat li ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, izda din il-Qorti qed tikkonsidraha fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
d. il-fatti kif esposti bil-gurmament mill-hati nnifsu permezz tan-nota minnu pprezentata (ara *folio* 237 *et seq*);
e. l-element umanitaju tal-fatti kif zvolgew ghall-hati u l-familja tieghu;

**Konkluzjoni;**

**Għall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 188, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 117 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi issib lil Adil Shlash hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Adil Shlash bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti fissret lil Adil Shlash fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------